**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 193/14/ MS**

**George Camenzuli**

**vs**

**World Marketing Services Ltd.**

Illum 19 ta' Jannar 2015.

It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni tal-avviz fl-ismijiet fuq premessi tal-5 ta' Settembru 2014 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni tas-somma ta' €795.00 wara li kien xtara saqqu minghand is-socjeta' intimata, li skont hu, kien difettuz mill-bidu nett u li baqa' difettuz anke wara gie mibdul u nonostante diversi tentattivi li huwa ghamel biex dan jissewwa u/jew jinbidel.

Wara li ha konjizzjoni tar-risposta tas-socjeta' intimata tas-26 ta' Settembru 2014, li fiha s-socjeta' intimata cahdet kategorikament il-pretizi tar-rikorrent, filwaqt li eccepiet ukoll illi t-talba tar-rikorrent mhijiex cara u ma kienx car jekk kienx qèd jallega n-nuqqas ta' kwalita pattwita, jew id-difett latenti - li f'kull kaz it-tnejn jinsabu preskritti. Di piu', l-fatt illi r-rikorrent qatt ma ddepozita s-saqqu taht l-awtorita' tal-Qorti kien implicitament qed jirrinunzja ghar-rimedju moghtija lilu mill-ligi.

Sema' x-xhieda bil-gurament tar-rikorrent George Camenzuli u tax-xhud Adrian Camenzuli prodott mir-rikorrent, kif ukoll ta' Vince Apap li jiehu hsieb il-*customer care relationships* fi hdan is-socjeta' intimata; ra d-dokumentazzjoni kollha u l-atti processwali tal-kaz.

**Ikkunsidra;**

Illi fi ftit kliem din il-kawza tirrigwarda saqqu illi r-rikorrent xtara f'Novembru 2008 mis-socjeta' intimata, li wara tlett xhur beda' jaghtih il-problemi. Fi Frar 2009, dan is-saqqu kien inbiddel mis-socjeta' intimata minghajr problemi ta' xejn. Ftit xhur wara, s-saqqu rega' beda jaghti lir-rikorrent problemi u ghalhekk rega' cempel lis-socjeta' intimata u kellem lil certu Vince Apap, li tul dawn il-hames snin, gie almenu erba' darbiet ghandu sabiex jara l-ilment x'inhu. Dan kien jikkonvinci lir-rikorrent illi s-saqqu ma kienx diffettuz, sakemm fl-ahhar okkazjoni li gie, qallu biex idawwar is-saqqu ta' taht fuq - haga li tal-hanut kienu qalulu biex qatt ma jaghmel. Dan kien korroborat ukoll mix-xhud Adrian Camenzuli illi xehed illi mar isaqsi l-hanut dwar is-saqqu inkwistjoni li kienu insistew illi fl-ebda hin m'ghandu jiddawwar.

**Ikkunsidra;**

Illi fil-bicca l-kbira, ir-rapprezentant tas-socjeta' intimatata ikkonferma dak li xehed ir-rikorrent hlief illi ma qabilx mal-allegazjoni li s-saqqu kien difettuz u li minbarra dik id-darba li biddlu s-saqqu fit-2009, id-drabi l-ohra kollha li r-rikorrent gie ghandu kienu kollha fl-istess zmien, u cioe' fis-sena 2014, ftit xhur qabel bdew dawn il-proceduri.

**Ikkunsidra;**

Illi t-Tribunal huwa propens illi jaghti iktar affidabilta' lil din l-ahhar-versjoni, peress illi m'huwiex probabbli illi r-rikorrent ilmenta fuq medda ta' darba fis-sena (jew inqas) f'dawn l-ahhar kwazi hames snin. Jekk verament kellu ilment serju, dan kien igibu a konjizzjoni tas-socjeta' intimata hekk kif javvera ruhu, u jibqa' jinsisti mas-socjeta' sakemm jiehu sodisfazzjon jew inkella jipprocedi bil-Qorti. Il-lizungar tieghu f'dawn ic-cirkostanzi, anke jekk huwa gie konvint mis-*salesman* illi s-saqqu ma kellu xejn, ma jaghmilx sens ma' dak illi qal l-istess rikorrent illi huwa ma kienx sodisfatt bil-prodott, u jibqa' juzah tul dan iz-zmien kollu, minghajr ilment ufficjali.

Illi min-naha l-ohra, r-rikorrent missu accerta ruhu mill-bidu nett illi l-prodott huwa dak illi verament xtaq u mhux dak illi qalulu tal-hanut. Dak illi huwa komdu ghal certi nies mhux necessarjament ikun komdu ghar-rikorrent u dan missu accerta minnu mill-bidu nett. Id-dicitura Latina *caveat emptor'* japplika ghal dan il-kaz.

Illi barra minn hekk, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ippregudika l-kaz tieghu irrimedjabilment meta, minkejja l-ilmenti tieghu u minkejja li kien jaf li ma kienx qed jiehu sodisfazzjoni, ma ddepozitax is-saqqu formalment il-Qorti biex b'hekk jikkawtela d-drittijiet tieghu.

Illi t-Tribunal ukoll, ghandu d-dubji serji tieghu kemm huwa validu c-certifikat ta' garanzija ezebit f'dawn l-atti. Dina hija fotokopja ta' dokument, mhux iffirmata jew awtentikata li tirreferi ghal saqqu generiku li mhux necessarjament japplika ghal dak illi xtara r-rikorrent. It-Tribunal kien jippretendi illi certifikat bhal dan ikun intestat bl-isem tad-ditta jew tal-bejjiegh, bil-firma tad-direttur jew *salesman,* debitament awtentikata b'timbru tad-ditta. Minn dan kollu ma hemm xejn, u dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda prova illi dik il-fotokopja giet moghtija dakinhar tax-xiri tas-saqqu u/jew japplika ghall-istess saqqu. Ghalhekk it-Tribunal ma jista' jaghti ebda affidament lil dan id-dokument.

Illi terga' u tghid, garanzija illi jaghti l-bejjiegh lix-xerrej, ma japplikax fil-kaz illi x-xerrej jerga' jibdielu ghaliex ma jkunx ghogbu l-prodott illi xtara. Generalment il-garanzija tapplika fuq il-manifattura tal-prodott u mhux ghas-sodisfazzjoni tal-klijent, li f'dan il-kaz, baqa' juzah ghal dawn is-snin kollha.

Illi bhallikieku dana mhux bizzejjed, it-Tribunal jaqbel mal-eccezzjoni tas-socjeta' intimata illi l-azzjoni tinsab preskritta bid-dekors ta' sentejn minn dak in-nhar tal-kunsinna (art.1407(1) tal-Kap 16.)

**Ghal dawn il-motivi,**

It-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjes kontra tieghu.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**